- ***REVOKA TA' MANDAT KAWTELATORJU –***
- ***AZZJONI TA' PENALI U DANNI WARA L-HRUG TA' MANDAT KAWTELATORJU –***
- ***MANDAT KAWTELATORJU MHUX SEGWIET B'AZZJONI –***
- ***ARTIKOLU 849 (a) TAL-KAP 12 –***
- ***MALIZZJA, FRIVOLA JEW VESSATORJU; ART 836 (8) (d) -***
- ***IMPOSIZZJONI TA' PENALI; ART. 836 (8) TAL-KAP 12-***
- ***AZZJONI TA' DANNI; ART 836 (9) KAP 12 -***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 29 ta' Novembru, 2001

**Kawza Numru: 26**
**Citazzjoni Numru: 745/95/RCP**

**Vincent Mercieca**

**vs**

**George Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut talab u ottjena minn din il-Qorti il-hrug ta' zewg Mandati kawtelatorji kontra l-istanti u cioe` Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet "George Galea -vs- Vincent Mercieca pro et noe" (Numru 1779/95) (Doc. A) u Mandat ta' Sekwestru iehor fl-ismijiet "George Galea -vs- Vincent Mercieca" (Numru 1943/95) (Doc B); peress li z-zewg Mandati inhargu in kawtela tal-pretensjoni tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' ghaxar t'elef lira flus Maltin (Lm10,000) allegatament rappresentanti sehem il-konvenut sekwestrant mis-socjeta "Modern Graffiti Enterprises Limited" iffurmati mal-istanti sekwestrat skond ftehim milhuq mill-partijiet permezz ta' skrittura datata 10 ta' Marzu 1995 (Dok. C); peress li l-konvenut naqas li jiddeduci l-pretensjoni tieghu fit-terminu stabbilit mill-ligi skond l-Art. 849 (a) tal-Kap.12, l-effetti tal-istess Mandat spiccaw; peress ukoll l-istess zewg mandati kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza inhargu dolosament, illegalment u b'mod vessatorju kemm ghaliex l-iskrittura imsemmija tirregola l-ftehim bejn "Modern Graffiti Enterprises Ltd.", "Talkline Trading", f'liema skrittura apparti li hija manifestament nebolusa w legalment indecifrabili dina ma tistax tinvolvi l-istanti personalment fit-talba tal-Mandat kif koncepit;

L-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. Tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet "George Galea -vs- Vincent Mercieca" (Numru 1943/95) peress li l-konvenut naqas li jiddeduci l-pretensjoni tieghu fit-terminu stabbilit fl-**Artikolu 849 (a) tal-Kap. 12**;

2. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' penali favur l-attur skond il-ligi peress li z-zewg mandati fuq imsemmija inhargu dolosament, illegalment u b'mod vessatorju;

3. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni sofferti;

4. Tillikwida l-istess danni jekk hemm bzonn b'opera ta' periti nominandi;

5. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-5 ta' Settembru 1995 (fol 16A tal-process) fejn gie eccepit:

(1) Illi l-ewwel talba fic-citazzjoni hija ghal kollox inutili ghaliex l-effetti tal-mandat ta' sekwestru Numru 1943/95 prezentat fid-9 ta' Mejju 1995 fl-ismijiet "George Galea vs Vincent Mercieca" spiccaw awtomatikament – kif hu ammess fil-premessi tac-citazzjoni – skond l-Artikolu 849 (a) tal-Kapitolu 12, u skond l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 l-attur seta' jitlob il-hrug tal-kontro-mandat opportun u ma kellux bzonn jitlob din ir-revoka permezz ta' citazzjoni, u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

(2) Illi t-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghaliex din it-talba hija legalment insostenibbli stante li l-Artikolu 846 tal-Kapitolu 12 ma jikkontemplax penali "peress" li mandat jinhareg "dolosament, illegalment u b'mod vessatorju" – u minghajr pregudizzju ghal dan, il-mandati msemmija fic-citazzjoni nhargu biex jikkawtelaw id-drittijiet ta' l-esponenti bhala azzjonista (u precedentement direttur) tas-socjeta` Modern Graffitti Enterprises Limited kontra l-agir illegali ta' l-attur, liema drittijiet gew

sussegwentement dedotti fic-citazzjoni fl-ismijiet inversi (Numru 758/95/GV) ipprezentata fit-2 ta' Gunju 1995;

Illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talba ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghaliex huwa ma sofra l-ebda danni stante li mandati ta' sekwestru identici saru fid-19 ta' Mejju 1995 (Numru 2134/95) u fid-29 ta' Mejju 1995 (Numru 2256/95) sakemm kien ghad hemm possibilita` ta' transazzjoni u c-citazzjoni Numru 758/95/GV fuq imsemmija giet ipprezentata fit-terminu stabbilit mill-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 18 tal-process;

Rat il-verbali tal-24 ta' Novembru 1995, tat-8 ta' Jannar 1996, tal-11 ta' Marzu 1996, tad-29 ta' April 1996, tas-7 t'Ottubru 1996, tas-27 ta' Jannar 1997, tad-9 ta' April 1997, tal-10 ta' Dicembru 1997 fejn dawn is-seduti kienu kollha ghall-iskop ta' transazzjoni, tat-13 ta' Marzu 1998 fejn ma deher hadd mill-partijiet u ghalhekk il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tat-18 ta' Marzu 1998 u d-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Marzu 1998 fejn appuntat il-kawza ghat-12 ta' Gunju 1998.

Rat il-verbali tat-12 ta' Gunju 1998 fejn Dr Vincent Falzon ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar u ddikkjara wkoll li qed jirrimetti ruhu ghall-provi processwali u tas-27 ta' Novembru 1998.

Rat l-affidavit ta' George Galea tad-9 t'Aptil 1999 (fol 38 sa 39 tal-process).

Rat il-verbal tal-14 ta' April 1999, tal-1 ta' Dicembru 1999, tat-12 ta' Mejju 2000, tat-13 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-22 ta' Novembru 2000, tat-3 t'April 2001, tas-17 ta' Mejju 2001 fejn xehdu Mario Pace u Vincent Mercieca u Dr Bugeja ddikjara li m'ghandux provi aktar u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2001 fejn Dr Doreen Clarke trattat il-kaz, filwaqt li Dr Aaron Bugeja gie msejjah diversi drabi baqa' ma deherx, u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

# II. KONSIDERAZZJONIJIET

## A. AZZJONI ODJERNA.

Illi din il-kawza qeghda ssir stante li qed jigi allegat li nhargu mill-konvenut zewg mandati kawtelatorji ta' sekwestri fl-ismijiet "*George Galea vs Vincent Mercieca pro et noe"* Mandat Nru 1779/95 u "*George Galea vs Vincent Mercieca"* Mandat Nru 1943/95 ghall-ammont ta' Lm10,000 allegatament dovuti bhala sehem il-konvenut sekwestrant mis-socjeta` Modern Graffiti Enterprises Ltd skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet tal-10 ta' Marzu 1995 u l-attur qed jallega li l-konvenut naqas li jressaq il-pretensjonijiet tieghu fit-terminu sabbilit mill-ligi skond l-artikolu **849 (a) tal-Kap 12** u ghaliex qed isostnu wkoll l-istess mandati hargu *"dolozament, illegalment u b'mod vessatorju anke ghaliex l-iskrittura fuq indikata ma kienitx tinvolvi lill-partijiet personalment".*

## B. PROVI PRODOTTI.

Illi jigi rilevat li l-attur ma ressaq ebda provi kwalunkwe hlief li esebixxa kopji tal-istess mandati u kopja tal-kontro-mandat datat 12 ta' Mejju 1995 Numru 2021/95 li permezz tieghu gie revokat il-mandat ta' sekwestru Numru 1779/95 fl-ismijiet premessi u giet esebita wkoll l-iskrittura privata datata 10 ta' Marzu 1995.

Illi mill-istess skrittura li tinsab esebita a fol 6 tal-process jirrizulta li l-partijiet odjerni fil-kapacita` taghhom personali kienu qablu li tigi mwaqqfa kull operazzjoni gdida in konnessjoni mas-socjeta` *Modern Graffiti Enterprises Ltd* u *Talkline Trading* u sabiex jitkompla biss ix-xoghol mibdi jew ordnat u l-kotba tal-bank ghandhom jintuzaw biss sabiex jigu ssetiljati l-kontijiet pendenti jew ix-xoghol li ried jitkompla, u fl-ahhar nett li l-*istocks* tal-kumpaniji ghandhom jinbieghu biss bi ftehim bejn iz-zewg nahat u l-flus jintuzaw biex jitnaqqas l-*overdraft* mal-Lombard Bank. Kull xoghol gdid kellu jsir mill-partijiet rispettivi kulhadd ghalih fil-kapacita` personali taghhom.

Illi l-konvenut fl-affidavit tieghu tad-9 ta' April 1999 min-naha l-ohra sostna li f'Marzu 1994 huwa kien gie avvicinat mill-konvenut sabiex jaghmlu *advertising agency* flimkien u ghalhekk kull wiehed minnhom hareg sehmu sabiex jinxtara l-apparat necessarju sabiex tibda topera l-istess agenzija, liema apparat kien jikkonsisti f'*computer* u diversi accessorji ndikati fl-affidavit tieghu tad-9 t'April 1999 sabiex issir l-istess, liema apparat kien jiswa Lm6,000, u l-ispejjez ta' liema nhargu rispettivament mill-attur u l-konvenut f'din il-kawza.

Illi f'Mejju 1994 bdew joperaw taht l-isem tad-ditta *Modern Graffitti Enterprises* u krew post f'Windsor

Buildings, Floor 1, Testaferrata Street, Imsida u l-kera wkoll thallset nofs bin-nofs bejn l-istess partijiet. Xi xahar wara nxtara wkoll *cyquest* li ghalih ikkontribwew l-istess kontendenti apparti xi ghamara mixtrija mill-konvenut li intuzat sabiex jigi armat l-ufficcju.

Illi fl-24 ta' Gunju 1994 giet iffurmata kumpanija bejn il-partijiet odjerni bl-isem ta' *Modern Graffiti Enterprises Limited* u din is-socjeta` impjegat maghha zewg persuni u bdiet ukoll timporta *mobile phones* mill-Ingilterra ghall-bejgh jew kiri.

Illi fi Frar 1995 il-partijiet iddecidew, anke minhabba disgwid li nqala' bejniethom, sabiex ixolju l-istess kumpanija u jaqsmu x-xoghol u l-affarijiet li kellha l-istess socjeta', tant li fl-10 ta' Marzu 1995 permezz ta' skrittura redatta minn Mario Pace, iddecidew li jwaqqfu l-operazzjonijiet godda tal-istess kumpanija, jaqsmu l-assi tal-istess, u li l-partijiet juzaw il-flus tal-kumpanija biss ghax-xoghol li kien baqghala tezegwixxi l-istess kumpanija.

Illi wara dan il-ftehim l-konvenut allega li huwa gie msakkar barra mill-ufficcju ghaliex l-attur biddel ic-cavetta tal-fond fejn kienet qed topera l-istess socjeta' u b'hekk huwa ma setax ikollu access u jiehu sehmu mill-affarijiet u flus li kienu dovuti lilu, u kien ghalhekk li

ghamel l-istess mandati kawtelatorji, u eventwalment il-kawza minnu msemmija.

Illi ix-xhud **Mario Pace**, li kien l-*accountant* tas-socjeta` Modern Graffitti Enterprises Limited sostna fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Mejju 2001, li l-kumpanija giet iffurmata f'nofs is-sena 1994 u kien hemm zewg attivitajiet li din is-socjeta` kienet taghmel u cioe` *marketing* u *printing* u *turnkey contractors* tal-bini u wara bejgh ta' *telephones* cellulari, u sostna li fejn jikkoncerna lilu, huwa dejjem zamm l-*accounts* ta' kif il-partijiet operaw permezz tal-istess kumpanija.

Illi pero` ghall-habta ta' Novembru 1994 beda jinqala' dizgwid bejn il-partijiet dwar l-operat tal-istess kumpanija tant li fl-10 ta' Marzu 1995 saret l-iskrittura fuq indikata li giet redatta mill-istess xhud bl-iskop li jinqasmu l-assi tal-istess socjeta` bejn l-istess partijiet, tigi xolta l-istess socjeta` u l-istess socjeta` ma tiehux xoghol gdid. Illi wara dak in-nhar huwa llimita ruhu biex jaghlaq l-*accounts* tal-istess socjeta`.

Illi in kontro-ezami **l-attur**, fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Mejju 2001, sostna li ghall-ewwel l-istess partijiet kienu joperaw permezz ta' intrapriza bejniethom wara li accetta li l-konvenut jidhol bi shab mieghu fl-istess negozju. Wara giet iffurmata is-socjeta` indikata fix-xhieda

precedenti pero` allega li huwa nduna li l-istess konvenut kien qed juza' fondi tal-kumpanija ghall-skopijiet personali tieghu bhal ikel, xorb, hwejjeg u *parties*. Illi b'konsegwenza ta' dan l-istess attur allega li s-socjeta` fi ftit xhur falliet, apparti li kellu jhallas dejn tal-istess socjeta` mal-kumpanija Telecell minn butu. Huwa sostna li l-konvenut ma hareg l-ebda flus ghalkemm ammetta li l-apparat konsistenti f'*computer* kien inxtara bejniethom u li l-istess apparat ghadu fl-ufficcju li kien u ghadu sallum f'idejh, u l-kera tal-ufficcju baqghet veljanti u qed tintuza minnu.

Illi l-attur kompla jghid fix-xhieda tieghu, li l-partijiet ippruvaw jaghmlu l-kontijiet bejniethom pero` minhabba l-agir tal-konvenut ma waslux lanqas biex jaghmlu dan. Illi peress li sostna li ufficcju li fih kienet topera l-istess socjeta` kien tieghu u peress li allega li l-konvenut kien baqa' juza' l-istess ufficcju biex jaghmel xoghol f'ismu, huwa ddecieda li ma jhallix lill-istess konvenut juza' l-istess ufficcju, ghalkemm innega li biddel is-serratura tal-istess. Il-kontijiet tal-bank gew maghluqin, ix-xoghol tal-kumpanija tkompla mill-konvenut. Ghalkemm is-socjeta' ma thalsietx tieghu u l-karti tal-istess jinsabu ghandi l-konvenut.

Illi fuq l-*account* mal-*Lombard* Bank l-istess attur sostna li kien hemm ordni li l-istess *account* setgha jigi ffirmat

minn wiehed jew l-iehor mill-partijiet jew mit-tnejn, u c-cekkijiet esebiti a fol 57 sa 60 tal-process gew iffirmati jew mit-tnejn jew mill-attur biss, ghalkemm skond hu hemm cekkijiet ohra li gew iffirmati mill-konvenut biss li ma gewx esebiti, u l-maggoranza taghhom gew iffirmati wara l-iskrittura privata tal-10 ta' Marzu 1995. Il-pagamenti li saru minnu kienu jirreferu ghall-kambjali ta' meta nxtara l-*computer*, il-kera tal-flat, is-segretarja, l-gazzetta, *stationery*, *telecell* u affarijiet ohra.

## C. PRINCIPJI LEGALI.

Illi b'effett tal-**Att XXIV tal-1995, l-Artikolu 836 (9**) li jirreferi **ghas-subartikolu (8)** indika l-kazi *ad hoc* fejn persuna tista' taghmel citazzjoni kontra l-persuna li fuq talba taghha ikun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garbet bil-hrug tal-mandat u l-kazijiet indikati huma *ai termini* tas-**subartikolu (8) u (9)** is-segwenti:-

*"(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmlix il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi.*

*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju,*

*huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurita' bizzejjed.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola, jew vessatorja".*

Illi fis-sentenza **"SN Properties Limited vs George Camilleri"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) din il-Qorti sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal**-artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **artikolu 836 (9**). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika w applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati fl-istess **artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

Illi l-posizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parte tal-konvenut ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz mandat ta' inibizzjoni) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **"Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri"** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fondamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima *"qui suo iure utitur, non videtur damnum facere"*, bil-konsegwenza li d-dritt

ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento, sebbene non vi riesca"* **("Demajo vs Page"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' **("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) nascenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpusa ("**Agius vs Dott. Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi*

*fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* **("Mugliette vs Bezzina"** - XXVI. I. 405).

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l-interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (***Baudry - Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civi**le - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk il-konvenut kellux *prima facie* bazi guridika li fuqha setgha jagixxi sabiex johrog mandat

kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi minn dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-posittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja il-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) *"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu".* Tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Cammast Ltd vs Joseph E Gauci et**" – P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000.

## D. APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHAL KAZ ODJERN.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta inkontestat li l-istess konvenut hareg il-Mandati ta' Sekwestru kawtelatorji indikati fic-citazzjoni attrici kontra l-attur personalment ghall-ammont hemm indikat u ghar-ragunijiet hemm indikati fl-istess mandati bbazati fuq il-premessa li l-ammont hemm indikat qed jigi mitlub bhala *"sehem is-sekwestrant mis-socjeta' Modern Graffiti Enterprises Limited ifformata mas-sekwestrat skond il-ftehim milhuq mill-partijiet permezz tal-iskrittura tal-10 ta'*

*Marzu 1995".*

Illi jidher li ma saret ebda kawza konsegwenti ghal tali zewg mandati fit-terminu previst fl-**artikolu 849 (a) tal-Kap 12** u cjoe' *"fi zmien erba' t'ijiem tax-xoghol minn meta jigi notifikat lilu, jew lill-avukat jew prokuratur legali li l-firma tieghu tkun tidher fuq ir-rikors, l-avviz ta' l-esekuzzjoni tal-mandat jew fi zmien ghaxar t'ijiem tax-xoghol wara l-hrug tal-mandat, skond liema tkun l-ewwel data, u fin-nuqqas ta' dan, l-effetti tal-mandat jispiccaw"*.

Illi mhux kontestat li l-azzjoni da parte tal-konvenut ma saritx *entro* tali terminu, izda saret biss fit-2 ta' Gunju 1995, permezz tac-citazzjoni numru 758/95/GV fl-ismijiet **"George Galea vs Vincent Mercieca et"**, li fil-fatt tinsab differita ghad-29 ta' Ottubru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Illi ghalhekk l-attur, minhabba il-fatt li tali kawza ma gietx pprezentata fit-terminu hemm indikat, ipprezenta kontro-mandat relattiv Numru 2010/95 fejn ottjena ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwsestru kawtelatorju Numru 1779/95, fil-waqt li ma jidhirx li pprezenta kontro-mandat relattiv iehor sabiex jigi revokat il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru Numru 1995/95.

Illi jidher ukoll li l-konvenut min-naha tieghu pprezenta

zewg mandati kawtelatorji ohra wiehed fl-ismijiet ***“George Galea vs Vincent Mercieca”*** Numru 2134/95 datat 19 ta’ Mejju 1995 ghall-ammont identiku ta’ Lm10,000 u ghall-istess kawzali ndikata fil-mandati mertu tac-citazzjoni attrici, u l-iehor numru 2256/95 fl-istess ismijiet “***George Galea vs Vincent Mercieca”*** datat 29 ta’ Mejju 1995 fuq l-istess kawzali u l-istess ammont, u wara dan il-mandat allura giet intavolata c-citazzjoni da parte tal-konvenut kontra l-attur odjern fuq indikata, pprezentata fit-2 ta’ Gunju 1995.

Illi l-attur odjern, l-intimat u s-sekwestrat fl-istess mandati ta’ sekwestru kawtelatorji msemmija fic-citazzjoni attrici qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas penali u d-danni lilu kkwazati bil-konsegwenza tal-hrug tal-istess mandati stante li huwa qed jallega li tali mandati ma gewx segwiti b’citazzjoni *ad hoc* u ghaliex l-istess mandati inhargu kontra tieghu b’mod doluz, illegali u vessatorju stante li l-ftehim tal-10 ta’ Marzu 1995 ma setghux jinvolvu lill-attur b’mod personali apparti li l-istess skrittura hija neboluza u legalment indecifrabbli.

Illi dwar l-ewwel punt imqajjem mill-attur fil-fatt jirrizulta li c-citazzjoni da parte tal-konvenut ma gietx ipprezentata fit-terminu indikat pero’ xejn ma kien qed izomm lill-attur milli jipprezenta l-kontro-mandat relattiv, li setgha wkoll gie pprezentat mill-konvenut stess, anke biex ma jkunx

hemm doppjac ta' mandati fuq l-istess kawzali identika. Illi dan pero' baqa' ma sarx u minflok saret din il-kawza sabiex l-istess mandat kawtelatorju, li jidher li ghadu veljanti u ndikat fic-citazzjoni attrici jigi revokat.

Illi ovvjament dak l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju m'ghandux jibqa' jezisti, anke ghaliex huwa ovvju li t-termini preskritti mill-ligi ghall-prezentata tal-azzjoni idoneja sabiex l-istess mandat jibqa' *in vigore* skadew, u ghalhekk l-istess mandat ta' sekwestru tilef kull effett tieghu skond il-ligi.

Illi madanakollu jidher li l-konvenut hareg dawn il-mandati kollha wiehed wara l-iehor stante li f'dak iz-zmien il-partijiet kienu ghaddejjin minn proceduri ta' transazzjoni sabiex din il-pendenza tigi risolta, u l-konvenut in vista ta' dan ma pprezentax ic-citazzjoni attrici, u minflok baqa' jipprezenta tali mandati kawtelatorji wiehed wara l-iehor, minghajr ma ha hsieb li jhassar formalment l-effetti tal-mandat precedenti.

Illi ghalkemm din il-procedura ma hijiex wahda li ghandha tigi inkoraggita, anzi ghandha u qed tigi censurata, b'daqshekk ma jfissirx li ghandha tigi applikata l-penali stabbilita *ai termini* tal-**artikolu 836 (9) tal-Kap 12,** u dan ghaliex l-imposizzjoni tal-istess penali ma hijiex awtomatika izda tiddependi mid-diskrezzjoni

tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fattispecie tal-kaz in ezami.

Illi ineffetti din il-Qorti ma thossx li ghandha tapplika din il-penali hemm stipulata fil-ligi, u dan peress li dak li ttenta jaghmel l-istess konvenut kien biss li jissalvagwardja id-drittijiet minnu vantati fil-waqt li kienu qed isiru diskussjonijiet bejn il-partijiet u l-konsulenti legali taghhom dwar l-istess pendenza.

Illi jinghad ukoll li f'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm konsegwenzi gravi ghall-istess hrug ta' mandati oggett tal-kawza odjerna, tant li l-attur baqa' ma gab l-ebda prova dwar l-allegati danni minnu sofferti, u dan apparti li in sostanza x-xhieda tal-konvenut dwar il-pretensjonijiet tieghu u l-kawzali tal-istess ma gietx kontradetta mill-attur fis-sens li jidher car li kien hemm dizgwid bejn il-partijiet fuq it-tmexxija tal-istess socjeta', l-assi u l-fondi tal-istess u wkoll l-oggetti li inxtraw qabel ma giet ifformata l-istess socjeta', pendenzi li jridu jigu risolti f'gudizzju separat.

Illi dan apparti li mill-istess skrittura l-partijiet qed jitkellmu dwar azjenda jew operazzjoni ohra li kellhom bejniethom li giet indikata separatament mill-istess socjeta', taht l-isem tad-ditta *"Talkline Trading"* li taghha l-partijiet odjerni kienu kompartecipi.

*29 ta' Novembru 2001 (RCP).*

Illi in vista ta' dan kollhu ma jidhirx li l-iskop tal-konvenut li johrog dawn l-istess kontro-mandati kien wiehed doluz, frivolu jew vessatorju izda biss animat mill-herqa li jissalvagwardja l-interessi tieghu minnu allegati fil-kaz odjern abbazi ta' dritt ta' azzjoni li jidher li certament ghandu.

Illi din id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar l-imposizzjoni tal-penali tirizulta mill-istess **subartikolu (8) tal-artikolu 836** fejn il-ligi testwalment tghid li *"il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali….".*

Illi huwa ovvju li l-kelma *"tista' "* taghti lill-Qorti il-fakolta' jew li timponi l-hlas ta' tali penali jew le, u tali diskrezzjoni tal-gudikant tapplika ukoll fil-kaz ta' l-ammont ta' penali li ghandha tigi mposta fuq il-konvenut. F'dan il-kaz din il-Qorti ma thossx li ghandha tigi applikata l-istess penali, ghalkemm dan m'ghandux jittiehed bhala li b'xi mod jinkoraggixxi lill-konvenut li johrog tali mandati kawtelatorji kollha minghajr ma jiehu responsabbilita' ta' l-atti minnu prezentati, ghaliex facilment jista' jkun li f'xenarju iehor il-konsegwenzi tal-atti tal-konvenut ikun bil-wisq izjed serji specjalment meta jigu kkawzati danni serji lill-intimat.

Illi it-tieni bazi ghat-talba ghall-imposizzjoni ta' penali hija

ibbazata fuq l-allegazzjoni li tali mandati kawtelatorji *"dolosament illegalment u b'mod vessatorju kemm ghaliex l-iskrittura imsemmija tirregola l-ftehim bejn "Modern Graffiti Enterprises Limited", "Talkline Trading", f'liema skrittura apparti li hija manifestament neboluza w legalment indecifrabili dina ma tistax tinvolvi l-istanti personalment fit-talba tal-mandat koncepit".*

Illi din il-Qorti taqbel li sa certu punt kif inhi redatta l-istess skrittura tal-10 ta' Marzu 1995 din ma hijiex maghmula f'termini legalistici, pero' dan ma jiffisirx li tali skrittura ma ghandha ebda konsegwenza legali; fil-fatt jirrizulta li tali skrittura giet redatta mill-*accountant* tas-socjeta' hemm indikata u ghalhekk forsi li t-termini legalistici huma forsi nieqsa ghal kollox mill-istess;

Illi pero' minkejja dan xorta wahda l-istess skrittura ghandha validita' u fil-fatt kemm mill-kontenut tal-istess flimkien mal-provi prodotti quddiem din il-Qorti, jidher li l-intenzjoni tal-partijiet firmatarji u llum partijiet fil-kawza odjerna kienet li jaghlqu ghal kollox kull partecipazzjoni li kellhom bejniethom fin-negozju kemm dak li jirreferi ghas-socejta' ta' bejniethom *"Modern Graffiti Enterprises Limited"* u kemm tal-azjenda *"Talkline Trading"* u allura l-partijiet odjerni qabblu li ma jiehdux iktar ordnijiet ghal xoghol gdid f'isem tal-istess socjeta', b'dan li l-istess socjeta' kellha biss taghmel ix-xoghol *in hand,* u l-flus u

l-i*stocks* tal-istess socjeta' jigu utilizzati biss sabiex jinqatghu l-kontijiet pendenti, ix-xoghol li kien mibdi, u l-*overdraft* tal-bank.

Illi jidher ghalhekk li l-partijiet odjerni qabblu li l-istess socjeta' u kull azjenda ta' bejniethom tigi xolta, bl-iskop li wara li jinqatghu d-debiti u l-ispejjez tal-istess, jinqasmu l-assi tal-istess, u ta' kull negozju ta' bejniethom; fl-opinjoni ta' din il-Qorti, f'dan il-kuntest jidhol ukoll l-apparat li nxtara bejn iz-zewg partijiet qabel ma giet iffurmata l-istess socjeta', stante li jidher li xi oggetti bhal *computer* u accessorji tieghu u apparat iehor imsemmi fix-xhieda tal-konvenut inxtraw mill-partiijiet f'Marzu u Mejju 1994, qabel ma iddecidew li jiffurmaw is-socjeta' fl-24 ta' Gunju 1994.

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu jidher li l-istess skrittura kienet intiza sabiex l-partijiet jaqblu li l-istess socjeta' kellha eventwalment tigi xolta, flimkien ma kull azjenda ohra ta' bejniethom, bil-konsegwenza li l-assi rimanenti jinqasmu nofs bin-nofs bejniethom, ovvjament skond is-sehem taghhom ugwali fl-istess partecipazzjoni, u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghalkemm il-kliem tal-istess skrittura ma humiex felici mill-lat legalistiku, l-istess konvenut agixxa bl-istess mandati kawtelatorji sabiex jissalvagwardja sehmu mill-istess operazzjoni, anke ghaliex allega li l-attur impedieh milli juza l-istess

assi u oggetti, ghaliex sakkru barra mill-ufficcju tal-istess socjeta' w allega ukoll li l-istess attur hareg *cheques* sabiex jaghmel hlas ghal servizzi personali ghalih.

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-kawzali fl-istess mandati tirreferi proprja ghal dan l-eventwali qasma tal-oggetti bejn il-partijiet wara li tigi xolta l-istess socjeta' u jsiru l-kunteggi finali, u wara li tigi xolta kull operazzjoni ta' bejniethom, ghalkemm f'dan ir-rigward il-Qorti thoss li tali kawzali hemm indikata setghet saret hafna ahjar, pero' xorta jibqa' l-fatt li din tirreferi ghall-iskrittura privata tal-10 ta' Marzu 1995, fis-sens fuq indikat u sabiex kull parti tiehu is-sehem taghha wara tali konkluzzjonijiet ta' kunteggi bejniethom.

Illi jekk tali allegazzjoni tal-konvenut hemm vantata hijiex finalment gustifikata jew le, ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti li tiddeciedi f'din il-kawza, ghaliex dan jifforma l-mertu ta' kawza ohra bejn il-partijiet pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u lanqas huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tindaga dwar il-validita' tal-istess skrittura u l-effetti naxxenti minnha, b'dan li l-vantazzjoni tal-konvenut tista' jew ma tistax tirnexxi f'gudizzju seperat fuq il-mertu.

Illi dak li huwa l-qofol ta' din l-azzjoni huwa pero' li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, u fuq bazi anke ta' *prima facie*

jidher li l-konvenut hareg l-istess mandati kawtelatorji abbazi ta' dritt li huwa ivvanta fil-konfront tal-attur, u l-ezistenza ta' dritt ta' azzjoni fuq dak id-dritt tidher li tezisti legalment u guridikament fuq bazi ta' *prima facie,* u ghalhekk certament li l-istess mandati kawtelatorji ma jidhrux li hargu fuq premessi zbaljati, jew dolosament jew abbusivament mill-konvenut, izda fuq vantazzjonijiet li ghandhom bazi ta' dritt ta' azzjoni u li jaghtu dritt lill-konvenut li jipprotegi kawtelament l-interessi tieghu fl-istess, vantazzjonijiet li fl-ahhar mill-ahhar jistghu jigu milqugha jew michuda, wara it-trattazzjoni tal-istess fil-mertu f'gudizzju separat, inoltre gja pendenti.

Illi f'dan l-isfond jidher li it-talba tal-istess konvenut fl-istess mandati ma kienitx, biex jintuzaw it-termini tal-ligi, li prezumibilment l-attur qed jirreferi ghalihom meta jaghmel il-kawza odjerna, maghmula *"b'malizzja, frivola jew vassatorja"* skond kif deskritta fl-**artikolu 836 (8) (d)** u ghalhekk l-istess talba attrici kemm dwar danni u kemm dwar penali lanqas tista' tigi milqugha fil-konfront tal-konvenut, ghaliex l-allegazzjonijiet attrici ma gewx ippruvati u huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi ta' min jirrileva wkoll li l-iskrittura privata indikata giet iffirmata mill-partijiet fil-kompetenza personali taghhom u mhux ghan-nom tal-istess socjeta' kif jidher car fl-istess skrittura li hija zgur ftehim u dikjarazzjoni tal-firmatarji

taghha, l-partijiet odjerni, u bhala xhud tal-istess iffirma ukoll Mario Pace, ovvjament li kellu jaghlaq il-kontijiet tal-istess socjeta' u d-ditta hemm indikata.

Illi fid-dawl ta' dan ma jistax jinghad dak li qal l-attur fic-citazzjoni tieghu li tali skrittura ma tinvolviex lill-konvenut personalment, u dan peress li jidher car mill-istess ftehim li l-partijiet ftehmu biss fil-kapacita' personali taghhom, u bl-ebda mod ma jista' lanqas jinghad li tali skrittura hija xi rizoluzzjoni tal-istess socjeta' u fil-fatt fl-ebda hin ma giet abbozzata jew prezentata bhala tali; dan apparti li d-ditta "*Talkline Trading"* hija imsemmija separatament mill-istess socjeta', u ghalhekk lanqas taht dan l-aspett l-azzjoni attrici ma tista' tirnexxi.

Illi dwar l-allegati danni sofferti mill-attur skond ic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni attrici, huwa misteru kif l-attur ma ressaq l-ebda provi kwalunkwe, tant li lanqas biss ghamel accenn ghalihom fl-unika darba li ta x-xhieda tieghu in kontro-ezami, u certamemt ghalhekk li l-ahhar tlett (3) talbiet attrici ghandhom jigu respinti ukoll.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u tilqa' it-tielet eccezzjoni tal-istess konvenut,

u **filwaqt li tichad it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), u l-hames (5) talbiet attrici** stante li kollha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u wkoll l-ahhar tlett talbiet tac-citazzjoni attrici ma gew bl-ebda mod sostanzjati bi provi, **tilqa' biss l-ewwel talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet *"George Galea -vs- Vincent Mercieca"* (Numru 1943/95) peress li l-konvenut naqas li jiddeduci l-pretensjoni tieghu fit-terminu stabbilit fl-artikolu 849 (1) tal-Kap 12, u konsegwentement tordna li jinhareg a spejjez tal-konvenut il-kontro-mandat relattiv.

Bl-ispejjez tal-ewwel talba a karigu tal-konvenut, filwaqt li l-ispejjez kollha tat-talbiet attrici l-ohra ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Novembru, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Novembru, 2001.**